Minuti ta' l-25 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 20 ta' Awissu, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 3.30pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Shirley Anne Cecchini |
| | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-25 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala document korrett.

**2.0 Jum l-Gharb**

2.1 Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera x'kien jinkludi fih il-programm tas-serata fosthom il-Quddiesa ta' Radd il-Hajr segwita bit-tqeghid ta' kuruni quddiem il-monument ta' l-isqof M. Molina, kuncert mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni, qari ta' poezija, tqassim ta' premijiet, partecipazzjoni mill-Gharb Stage Christophers bhala parti mis-Summer Club li sar mill-parrocca bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u inawgurazzjoni tas-Shelter tal-Pjazza. Gie spjegat ukoll in-nominazzjonijiet li intlaqghu ghal dawn il-premijiet.

Nominazzjonijiet Premju Gharb – Gew nominate s-segwenti persuni: Madre Karmelina u l-Komunita' tas-Sorijiet Dumnikana, Kan. Dun Guzepp Tabone, Alfred Cauchi, Peppi Formosa u Consiglia Azzopardi. Il-Vici Sindku Carmen Vella iddikjarat li ghandha interess personali in konessjoni man-nominazzjonijiet sottomessi u ghalhekk irtirat miill-kamra. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li dan il-premju ghandu jigi moghti lil Consiglia Azzopardi.

Il-Vici Sindku regghet dahlet lura fil-kamra.

Nominazzjonijiet Premju Volontarjat Lokali – Gew nominati s-segwenti persuni: Joseph Farrugia, M'Anne Micallef u George Micallef. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li dan il-premju ghandu jigi moghti lil Joseph Farrugia.

Nominazzjonijiet Premju Qlub Generuzi – Gew nominati s-segwenti persuni: Familja Vella, Carmela Vella u Marija Mizzi. Il-Vici Sindku Carmen Vella innominat ukoll lil Rita Cauchi. Il-Vici Sindku Carmen Vella iddikjarat li ghandha interess personali in konessjoni man-nominazzjonijiet sottomessi u ghalhekk irtirat

mill-kamra. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li dan il-premju ghandu jigi moghti lil Rita Cauchi.
Nominazzjonijiet The Gharb Gozitan Cultural Award – Saret diskussjoni dwar dan il-premju fejn gie innotat li Elaine Haber jixirqilna dan il-premju ghas-successi miksuba fil-qasam tal-kanta. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li dan il-premju ghandu jigi moghti lil Elaine Haber.

**3.0 Attivitajiet – Seher il-Punent / Festi tal-Milied**

**3.1** Is-Sindku spjega li c-Centru Parrokkjali kellhom il-hsieb li jorganizzaw dram relatat mall-Familja Sagra li kif gie diskuss ser titlaq mill-Gharb ghal Betlehem f'Ghajnsielem filwaqt li l-Kumitat tal-Festi Esterni ser ikunu qed jorganizzaw Christmas Market. Barra minnhekk possibilment ser jippartecipa ukoll il-grupp Kantaliena. Saret diskussjoni fejn sar qbil li s-Sibt jippartecipaw Gospel Choir u isir invit lil persuni li jaghmlu snajjiet biex jippartecipaw bix-xoghol taghhom filwaqt li l-Hadd jigu mistiedna l-gruppi taz-zfin minn Malta bhal ma jsir ta' kull sena waqt Seher il-Punent.

3.40pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha.

Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tingab Christmas Tree fil-Pjazza u tinxtghel waqt din l-attivita'. Shirley Anne Cecchini staqsiet jekk din il-Christmas Tree tkunx tinsta' tinzamm ghal snin ohra. Is-Sindku ikkonferma li din hija artificjali u ghalhekk huwa possibli li tinzamm.

**4.0 Skrivana fi Skala 13**

4.1 Is-Sindku iddikjara li ghandu interess personali u ghalhekk talab lil Vici Sindku biex tkompli tippresiedi u hareg mill-kamra. Il-Vici Sindku spjegat li kif kien sar qbil fl-laqgha precedenti l-Kunsill kien hareg sejha interna ghal Skrivana fi Skala 13 fuq bazi back to back. Giet ricevuta applikazzjoni wahda li kienet ta' Christina Camenzuli. Emanuel Muscat qal li huwa ma jsib ebda' oggezzjoni sakemm din qeghda issir skond il-paramentri tal-ligi. Il-Kunsill qabel unanimament li Christina Camenzuli ghandha tinhatar Skrivana fi Skala 13.

**5.0 Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti**

5.1 Is-Sindku spjega li kif diga issemma' waqt id-diskussjoni ta' Jum l-Gharb, waqt din is-serata ser jigi inawgurat is-Shelter tal-Pjazza.

5.2 Fir-rigward tax-xogholijiet fuq il-Kampanar tal-Knisja gie spjegat li dawn ix-xogholijiet ghaddejjin minkejja li kien hemm problemi li ma setghax isir xoghol waqt li kien hemm ir-rih pero' ghal dan il-ghan giet mitluba estensjoni tal-progett u din giet approvata. Issa ser jitkompla ukoll ix-xoghol fuq il-koppla biex din tinzebah u tiddawwal. Jekk ix-xoghol jippermetti l-faccata tal-knisja tigi inawgurata fl-ahhar ta' Settembru bidu ta' Ottubru.

Gie spjegat ukoll li minhabba li inkissru xi cangatura fuq iz-zuntier dawn ser jergghu jinbidlu. Is-Sindku spjega li kollox irid isir skond il-garanzija tal-MEPA li hemm fuq il-Knisja u ghalhekk irid jimxi kollox skond il-pjanijiet.

Emanuel Muscat staqsa dwar jekk hemmx data ta' meta ser jitlestew ix-xogholijiet. Gie spjegat li huwa mahsub li jitlesta kollox sa l-ahhar ta' Awissu pero' dan jiddependi mir-rih peress li jekk ikun Forza 4 il-haddiema ma jkunux jistghu jahdmu. Il-Problema hija li l-flus huma limitati u ma jisghux isiru aktar xogholijiet. Emanuel Muscat staqsa jekk kienx hemm rikjesti sabiex isiru aktar xogholijiet. Is-Sindku qal li ma kienx hemm rikjesti ta' din in-natura. Anthony Camilleri staqsa dwar jekk jizdied ix-xoghol minhabba l-flus. Is-Sindku spjega li ma' l-andament tax-xoghol saru il-kalkoli sabiex il-Kunsill ikun jaf fejn wasal il-progett. Il-kuntrattur jithallas skond il-kejlijiet u x-xogholijiet li jkunu saru. Huwa spjega ukoll li x-xogholijiet bdew fuq kampnar li kellu bzonn l-aktar manutenzjoni. Gie spjegat ukoll kull offerta' tkun tippermetti sa 5% u li tintuza bisss f'kaz ta' bzon.

Xogholijiet fuq il-Ground tal-Football. Is-Sindku spjega li l-Gozo Football Association ser tkun qeghda taghzel bejn zewg tenders sabiex jigi iffirmat il-kuntratt. Il-Kuntrattur ser ikun qed jaghmel ix-xogholijiet u l-Kunsill ikun jista' jibda' jahdem fuq it-trakka. Kif kien sar qbil il-Kunsill huwa previst jaghmel tajjeb ghall-ammont ta' €7000.00 ghal hames snin b'total ta' €35,000.00.
Il-Kunsill ser ikun qed jiltaqa' mall-kuntrattur maghzul flimkien mall-Perit sabiex jigu diskussi l-livelli sabiex l-ilma jigi jaqleb ghal fuq il-genb.

Is-Sindku spjega li saret laqgha mall-kuntrattur tal-PPP fir-rigward tal-Manholes u dwar il-problema ta' fejn il-post ta' Anthony Camilleri fi Triq il-Knisja.

Is-Sindku spjega li fir-rigward tax-xoghol quddiem ir-residenza tal-familja Xuereb fi Triq il-Knisja dan ser jinbeda' u kif gie diga diskuss ser isir minn Emanuel Mintoff ghas-somma ta' €1400.00. Emanuel Muscat staqsa dwar jekk isir xi hsara fuq il-propjeta ta' Xuereb x'jigri. Is-Sindku spjega li ix-xoghol ghandu issir bil-galbu u b'ftehim mas-Sinjuri Xuereb.

## 6.0 Korrispondenza u materji ohra

6.1 Is-Sindku spjega dwar sitwazzjoni li inholqot dwar ilmenti minghand Miriam Debrincat ta' Triq Trux fejn din qeghda tilmenta' li l-ilma tat-triq kemm ilha li inghatat it-tarmak gie jaqbel fuqha. Dwar dan il-Perit tal-Kunsill qal li l-livelli tat-triq ma inbidlux minn kif kien precedentament. Hija baqghet tilmenta xorta wahda u marret ukoll ghand l-Ombudsman. Kien ghalhekk li indahal fil-kaz Dr. Damian Bigeni sabiex jirrispondi l-ittra ta' l-Ombusdman u jsegwi l-process. Is-Sindku spjega ukoll li f'din it-triq kienet diga tezisti problema bejn il-girien.

6.2 Minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' ilment minghand il-familja Xuereb fir-rigward tal-Problema ta' l-ilma quddiem id-dar taghhom. Din diga giet diskussa waqt il-laqgha precedenti u iktar kmieni waqt din il-laqgha fejn kien hemm qbil fuq x-xoghol li ghandu isir, min ser jaghmlu u kif ser isir.

6.3 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-

Applikazzoni godda ghal permess ta' zvilupp: PC17/14 – Biex isir twessiegh ta' Sqaq Papa Klement XIV u PA 2351/14.

6.4 Il-Vici Sindku Carmen Vella qalet li fix-Xlendi ser issir Book Fair fejn ser jinbieghu kotba bi prezz ridott. Gie spjegat li minhabba l-iskema tal-libreriji ma jkunx possibli li jinxtraw kotba b'dan il-mod.

## 7.0 Aggornament

7.1 Il-Kunsill qabel li jekk il-Progett tal-Water Melon jigi approvat issir laqgha l-Erbgha 27 ta' Awissu, 2014.

8.2 Il-laqgha spiccat hin 4.25pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
~~Deputat~~ Segretarju Ezekuttiv